**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 314/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Patrick Muscat**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Patrick Muscat**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 346273(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

nhar l-Erbgħa l-1 ta' Ottubru 2014 għall-ħabta tal-6:45hrs fl-inħawi tal-Ħandaq limiti tas-Siġġiewi:

1. waqt staġun magħluq għall-kaċċa tal-għasafar mhux minn fuq il-baħar, ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja xi għasfur, jew

ġarr xi munizzjoni jew arma tan-nar barra l-għata tagħha u dan bi ksur ta' Regolament 18(1)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

2. żamm xi għasfur, kemm ħaj kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur, li l-kaċċa jew it-teħid tiegħu huma projbiti taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u ċioè rixa ta' Kuċċarda *Pernis apivorus* (inkluża fl--iSkeda I) kontra d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti meta dak l-għasfur ma kienx ġie ddikjarat u reġistrat mal-Awtorita' kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u mingħajr ma ngħata l-permessi, jew ċertifikati mill-Awtorita' kompetenti sabiex iżomm dak l-għasfur u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(e) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

3. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, żamm għasfur, kemm ħaj kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur mhux imsemmi fl-iSkeda II jew l-iSkeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u ċioè rixa ta' Kuċċarda *Pernis apivorus* (inkluża fl-iSkeda I), meta dak l-għasfur ma kienx ittieħed fi Stat Membru ieħor fejn ikun jista' jittieħed jew jinqabad legalment taħt id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi kif ukoll taħt il-liġijiet ta' dak l-iStat Membru l-ieħor u dawk l-għasafar ma kienux miġjuba f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) ta' l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

4. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi naqas milli jżomm fil-pussess tiegħu u għal perjodu kollu li kien fil-pussess tal-kampjuni u ċioè rixa ta' Kuċċarda *Pernis apivorus* (inkluża fl-iSkeda I) il-permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn kollha li jippruvaw għas-sodisfazzjon tal-Awtorita' kompetenti li dawk il-kampjuni ma kienux miksuba kontra d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

fl-istess data għall-ħabta tal-10:00am u fis-snin ta' qabel fil-fond 17A, Triq il-Kbira, Żebbuġ:

5. żamm xi għasfur, kemm ħaj kemm mejjet jew parti minn xi għasfur, li l-kaċċa jew it-teħid tiegħu huma projbiti taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u ċioè Nankini *Cursorius cursor* u Glalez Ħomor *Crex Crex* (inklużi fl-iSkeda I), kontra d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti meta dak l-għasfur ma kienx ġie dikjarat u reġistrat ma' l-Awtorita' kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u mingħajr ma ngħata l-permessi jew ċertifikati mill-Awtorita' kompetenti sabiex iżżomm dak l-għasfur u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(e) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

6. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi żamm għasfur, kemm ħaj kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur mhux imsemmi fl-iSkeda II jew l-iSkeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u ċioè Nankini *Cursorius cursor* u Glalez Ħomor *Crex Crex* (inklużi fl-iSkeda I), meta dawk l-għasafar ma kienux ttieħdu fi Stat Membru ieħor fejn ikun jista' jittieħed jew jinqabad legalment taħt id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi kif ukoll taħt il-liġijiet ta' dak l-istat Membru l-ieħor u dawk l-għasafar ma kienux miġjuba f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

7. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi naqas milli jżomm fil-pussess tiegħu u għal perjodu kollu li kien fil-pussess tal-kampjuni u ċioè Nankini *Cursorius cursor* u Glalez Ħomor *Crex Crex* (inklużi fl-iSkeda I) il-permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn kollha li jippruvaw għas-sodisfazzjon tal-Awtorita' kompetenti li dawk il-kampjuni ma kienux miksuba kontra d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

8. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, kellu fil-pussess tiegħu xi għasfur jew għasafar ibbalzmati li l-ispeċi tagħhom mhux inkluża fl-iSkeda III li tinsab mar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u ċioè Nankini *Cursorius cursor* u Glalez Ħomor *Crex Crex* (inklużi fl-iSkeda I), li ma kienux reġistrati mat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi fiż-żmien stipulat fis-sub-Regolament (6) ta' Regolament 21 tal-A.L. 79 tal-2006 bi ksur ta' Regolament 21(5) tal-A.L. 79 tal-2006;

9. ittrasferixxa jew b'xi mod ieħor iddispona minn xi għasfur imsemmi fis-sub-Regolament (1)(e) ta' Regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (uħud inklużi fl-iSkeda I jew l-iSkeda IX) mingħajr ma għamel talba lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u mingħajr ma kellu awtorizzazzjoni bil-miktub ta' dak it-trasferiment jew disponiment mogħti fid-diskrezzjoni tagħha, bi ksur ta' Regolament 4(2) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti ġiet mitluba illi, barra li timponi l-multa applikabbli taħt Regolament 27(2) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu applikabbli taħt A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Ġunju 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Regolamenti 4(1)(e), (f), 4(2) u 21(5) tal-Avviż Legali 79 tal-2006, filwaqt li lliberat lill-imputat mill-ewwel (1), mit-tieni (2), mit-tielet (3), mir-raba' (4) u mis-sitt (6) imputazzjoni addebitati fil-konfront tiegħu, sabet lill-imputat ħati tal-ħames (5), tas-seba' (7), tat-tmin (8) u tad-disa' (9) imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u konsegwentement ikkundannatu multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200) li b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta setgħet titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta'

mitt Euro (€100) b'dan illi f'każ illi l-ħlas kien ser isir b'rati mensili, l-ewwel pagament kellu jsir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza u f'każ illi l-ħati kien ser jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi. *Ai termini* ta' Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat il-konfiska tal-*corpus delicti* u ċioè tal-għasafar eżebiti li dwarhom saru r-reati li tagħhom l-appellant instab ħati. *Ai termini* ta' Regolament 27 tal-Avviż legali 79 tal-2006, l-Ewwel Qorti ordnat is-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-30 ta' Ġunju 2022 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi **tikkonferma** dik il-parti tad-deċiżjoni fejn il-Qorti tal-Maġistrati illiberat lill imputat qua appellanti u **tħassar** u **tirrevoka** dik il-parti tad-deċiżjoni fejn sabet lill-appellanti ħati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tiegħu u minflok tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjonijiet dedotti u tilliberah kompletament skont il-liġi. Alternattivament u mingħajr preġudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, jogħġobha tħassarha f'dik il-parti tal-piena billi minflok tiġi imposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi mir-rapport redatt mill-Pulizija (*a fol.* 22 *et seq.*) jirriżulta li fl-1 ta' Ottubru 2014 għal ħabta tas-6.00am il-Pulizija kienu qegħdin fuq ronda lejn l-inħawi tal-Ħandaq limiti tas-Siġġiewi u Ħal Qormi. Jingħad li għal ħabta tas-6.45am waqt li kienu ħerġin il-Pulizija osservaw persuna li kellu s-senter tal-kaċċa f'idu u kien fejn vettura tal-għamla Van Escort bin-numru tar-reġistrazzjoni EAC 739. Il-Pulizija għajtulu sabiex ma jaħsduhx. Allegatament l-appellant ħarab minn fuq il-post jiġri.

Illi għal ħabta tas-7.15am il-Pulizija għamlu kuntatt mal-appellant li mar ma' missieru. Meta ġie rinfaċċat bil-verżjonijiet mogħtija mill-Pulizija, l-appellant baqa' jinsisti li huwa ma kellux x'jaqsam u li l-persuna li raw kien xi ħadd ieħor. Wara l-Pulizija għamlu tfittxija f'dik li ħasbu kienet id-dar tal-appellant li kienet f'Ħaż-Żebbuġ fejn sabu kollezzjoni ta' għasafar ibbalzmati. Mill-investigazzjoni rriżulta li erba' minn dawn l-għasafar ma kienux irreġistrati. Minbarra dan, il-Pulizija saru jafu li l-appellant kien fil-fatt joqgħod Ħal Qormi u meta marru fuq il-post u għamlu tfittxija ma sabu xejn partikolari.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarreġ l-aggravji mressqa mill-appellant u qabel ma jsir hekk din il-Qorti tfakkar li hija ma tiddisturbax l-evalwazzjoni tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk minn dawn l-istess provi l-Ewwel Qorti setgħet tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi

> magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> l-appellant jilmenta li huwa ma kienx joqgħod fl-indirizz fejn instabu l-għasafar ibbalzmati li kienu protetti. Jilmenta wkoll li dwar dan ir-reat kienu nbdew proċeduri kontra missieru liema proċeduri twaqqfu minħabba li missieru ġie nieqes. Jargumenta li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova li t-tjur in kwistjoni kienu tiegħu u kien biss permezz tal-affidavits tal-Pulizija li dan ġie konkluż.

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li jgħid l-appellant permezz ta' dan l-aggravju. Jibda billi jingħad li waqt id-depożizzjoni mogħtija minnu fl-1 ta' Frar 2018 quddiem din il-Qorti diversament preseduta huwa jammetti li għand missieru kellu gallina u gallozz (*a fol.* 101). Mid-dokument (*a fol.* 40) redatt minn Stanley Gatt tal-*Wild Birds Regulation Unit* jirriżulta li l-galloz aħmar ma kienx dikjarat mal-Awtoritajiet u dan il-galloz ġie eżebit (*a fol.* 25). Minbarra dan l-applikazzjoni għaż-żamma tal-għasafar protetti bbalzmati (*a fol.* 48 *et seq.*) saret fl-isem tal-appellant ukoll. Għalhekk kienet korretta l-Ewwel Qorti meta sabet lill-appellant ħati tal-ħames (5) u tat-tmien (8) imputazzjoni u b'hekk l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> l-appellant jilmenta li Regolament 4(1)(f) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 illum huwa mħassar u għalhekk ma setgħetx tinstab ħtija ab bażi ta' dan is-sub-Regolament. Jisħaq li ġialadarba l-paragrafu ma għadux jifforma parti integrali mil-liġi,

l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt issibu ħati taħt is-sub-Regolament in kwistjoni u minflok kellha tilliberah minħabba li l-istess imputazzjoni ma baqgħetx titqies bħala att kriminali.

Illi din il-Qorti tinnota li Regolament 4(1)(f) applikabbli kien ġie introdott permezz ta' Avviż Legali 280 tal-2007 u kien jgħid hekk:

> "iżżomm kull għasfur, kemm ħaj kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III ta' dawn ir-regolamenti, sakemm dak l-għasfur ikun ittieħed fi Stat Membru ieħor fejn ikun jista' jittieħed jew jinqabad legalment taħt id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi kif ukoll taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru l-ieħor dan l-għasfur kien miġjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju, 2004.
>
> Iżda dik il-persuna għandha żżomm fil-pussess tagħha u għall-perjodu kollu li hija tibqa' fil-pussess tal-kampjun kif provdut fil-paragrafi (e) u (f) ta' dan is-subregolament il-permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn kollha li jippruvaw għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità Kompetenti li dawk il-kampjuni ma kienux miksuba kontra d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti."

Illi permezz ta' Avviż Legali 281 tal-2015, il-paragrafu (f) hawn fuq imsemmi ġie sostitwit bil-paragrafu segwenti:

> "tkun fil-pussess jew ikollha fil-kontroll tagħha jew iżżomm kampjuni ħajjin ta' għasafar li mhux tat-territorju Ewropew, sakemm dik il-persuna ma tipprovax li dak l-għasfur:
>
> (i) ikun ġie importat legalment skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 6(1)(b);

(ii) ikun ġie akkwistat b'mod legali fi Stat Membru skont id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u skont il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru; jew

(iii) ikun imrobbi fil-magħluq."

Illi għandu jingħad għalhekk li paragrafu (f) ma baqax japplika għal għasafar ibbalzmati u di piu' dan il-paragrafu msemmi ġie mħassar b'Avviż Legali 69 tal-2016. L-Ewwel Qorti ma semmiet xejn dwar dan fis-sentenza appellata. Fid-*decide* tagħha hija għamlet riferenza għal, fost l-oħrajn, Regolament 4(1)(f) tal-Avviż Legali 79 tal-2006. B'hekk, tenut kont ta' dak kollu li ngħad fir-rigward tal-aggravju in eżami, l-Ewwel Qorti ma setgħetx issib ħtija fl-appellant fir-rigward tas-seba' (7) imputazzjoni u għaldaqstant l-aggravju in eżami qed ikun milqugħ.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> l-appellant jilmenta li Regolament 4(2) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 ġie imħassar b'Avviż Legali 107 tal-2022 u li b'hekk sabiex ma jkunx hemm ksur tad-drittijiet tiegħu, l-Ewwel Qorti kellha tilliberah mid-disa' (9) imputazzjoni.

Illi din il-Qorti tinnota li Avviż Legali 107 tal-2022 ġie ippubblikat fis-16 ta' Marzu 2022 u ma hemmx dispożizzjoni tranżitorja mentri s-sentenza appellata ngħatat fis-16 ta' Ġunju 2022 u għalhekk wara din l-emenda. *Stante* li r-Regolament in kwistjoni kien diġa' imħassar meta ngħatat is-sentenza appellata, l-appellant għandu raġun jilmenta li ma setax jinstab ħati tar-reat in kwistjoni u b'hekk l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta sabitu ħati tad-disa' (9) imputazzjoni. Għaldaqstant, it-tielet aggravju qed ikun milqugħ ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi r-raba' aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Huwa jilmenta li l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti hija eċċessiva.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li hija ma tiddisturbax il-piena erogata fejn din il-piena ma tkunx eċċessiva jew żbaljata fil-prinċipju. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Settembru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Eric Zammit** (Numru 139/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"*."

Illi tenut kont tal-fatt li t-tieni u t-tielet aggravju tal-appellant ġew milqugħa, b'hekk hemm lok li din il-Qorti tvarja l-multa erogata mill-Ewwel Qorti b'dan illi mhux ser ikun hemm temperament fir-rigward tas-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti. Din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti ħadet konjizzjoni ta' dak li jiddisponi Avviż Legali 86 tal-2022 tant li dan ġie rifless fis-sentenza appellata. Il-konfiska tal-*corpus delicti* ser tibqa' kif deċiż fis-sentenza appellata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Patrick Muscat u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tas-sitt (6) imputazzjoni u li minnhom l-appellant ġie liberat;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ħames (5) u tat-tmien (8) imputazzjoni;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tas-seba' (7) u tad-disa' (9) imputazzjoni u minflok tiddikjara lill-appellant mhux ħati tagħhom u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward tagħhom;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200) u minflok tikkundanna lill-appellant għall-ħlas ta' multa ta' seba' mitt Euro (€700);

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ġiet ordnata l-konfiska tal-*corpus delicti* u tikkonferma wkoll is-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal perjodu ta' sentejn liema perjodu jibda għaddej mil-lum.

______________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

______________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**